# Inkontri Furjaniżi-Sengleani

minn Nigel Holland

Kemm ilha li nibtet il-konnessjoni diretta li għandi ma' l-Isla, bdejt ninnota li t-toroq ta' din il-belt ltaqgħu spiss ma' dawk tal-Floriana, permezz ta' persunaġġi u avvenimenti varji. Uħud minn dawn il-persunaġġi u avvenimenti ħallew marka ta' importanza kbira fl-istorja tal-bliet rispettivi.

## L-Ewwel Arċipriet tal-Floriana, Senglean

Ma stajtx ma nibdiex dan l-artiklu b'persunaġġ Senglean, li sa llum, anki mitt sena wara mewtu, għadu jgawdi stima kbira fil-Floriana. Qed nirreferi għal Mons. Isqof Salvatore Gaffiero. Gaffiero twieled l-Isla fit-8 ta' Marzu, 1828. Minn età żgħira wera inklinazzjoni lejn il-ħajja saċerdotali. Ta' 12-il sena biss (kienu żminijiet oħra!) sar Kanonku tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata Sengleana.



*Inkwadru ta' Monsinjur Dun Salv Gaffiero mill-Isla, l-aħħar Kappillan u l-Ewwel Arċipriet tal-Floriana li jinsab fis-Sagristija tal-Knisja Arċipretali u Parrokkjali ta' San Publju fil-Floriana.*

Fl-20 ta' Diċembru, 1851, ġie ordnat saċerdot mill-Arċisqof Publju Sant[1]. L-ewwel esperjenza tiegħu fit-treġija ta' parroċċa kienet bħala Kappillan ta' Ħal Għargħur. Meta nħolqot vakanza fil-Parroċċa ta' San Publju tal-Floriana, Gaffiero ippreżenta ismu għall-konkors, skond l-uzanza ta' dak iż-żmien, u fl-1868 ntgħażel biex isir it-tielet kappillan ta' din il-parroċċa. Il-Kanonku Salvatore Gaffiero minnufih stinka biex il-parroċċa Furjaniża tiġi elevata għal dik Arċipretali. Fl-1869, sena biss wara li kien ħa l-pussess bħala Kappillan tal-Floriana, Gaffiero kien akkumpanja lill-Arċisqof Gaetano Pace Forno, O.E.S.A. (1858-1874) f'Ruma u dan wassal biex, bl-approvazzjoni ta' Papa Piju IX (1846-1878), il-Parroċċa tal-Floriana tiġi mgħollija għall-grad ta' Arċipretali bil-Kanonku Salvatore Gaffiero nnifsu, bħala l-ewwel Arċipriet[2]. Il-Furjaniżi baqgħu rikonoxxenti għall-aħħar lejn l-Arċipriet Senglean tagħhom, iżda huwa min-naħa tiegħu tant ħabb lil Floriana u lill-Furjaniżi, li anki wara li spiċċa mill-kariga u wara li kien għamel xi żmien jgħix ir-Rabat[3], eventwalment kien mar joqgħod fil-Floriana f'Nru 12, Triq Pietro Floriani (dak iż-żmien 32, Piazza Maggiore, għax matul is-snin inbidlu kemm l-isem tat-triq kif ukoll in-numru tal-bieb). Intant, Gaffiero inħatar Kanonku tal-Kapitlu tal-Katidral fl-1875 u fl-1898, Monsinjur Gaffiero nħatar Isqof Titulari ta' Silimbrija u Isqof Awżiljarju ta' Malta,[4] biex jgħin lill-Isqof Pietro Pace. Il-konsagrazzjoni episkopali tiegħu kienet okkażjoni ta' ferħ kbir għall-Furjaniżi u s-Sengleani. Xhieda ta' dan huwa l-fatt, li ż-żewġ soċjetajiet mużikali rispettivi; is-Soċjetà Filarmonika Vilhena u 'La Vincitrice' akkumpanjaw lill-Isqof il-ġdid, Dun Salv Gaffiero, mill-Belt sad-dar tiegħu fil-Floriana, fejn kien mar joqgħod wara li sar jaf bil-ħatra tiegħu bħala Isqof. Il-konsagrazzjoni tiegħu saret fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann nhar il-Ħadd, 15 ta' Jannar, 1899[5]. L-Isqof Monsinjur Salvatore Gaffiero miet fit-8 ta' Diċembru, 1906. Il-Furjaniżi tal-lum ukoll ma nsewx l-aħħar kappillan u l-ewwel Arċipriet tagħhom, tant li f'Diċembru li ġej, f'għeluq il-100 sena mill-mewt tiegħu, ser titwaħħal lapida mad-dar fejn kien joqgħod fil-Floriana u fejn darba l-baned tal-Floriana u ta' l-Isla daqqew flimkien biex jiffesteġġjaw il-konsagrazzjoni episkopali tiegħu. Din il-lapida ser issir fuq inizjattiva tad-direzzjoni tal-gazzetta 'Il-Furjana'. Kwadru sabiħ ta' Salvatore Gaffiero jinsab ukoll fil-Knisja Arċipretali u Parrokkjali tal-Floriana.

## Arċisqof Furjaniż Jinkuruna lill-Bambina

Jekk għall-Furjaniżi l-elevazzjoni tal-parroċċa tagħhom għad-dinjità ta' waħda Arċipretali kien avveniment importanti u li ma jintesiex, naħseb li għas-Sengleani l-inkurunazzjoni ta' l-istatwa ta' Marija Bambina, kien avveniment daqstant importanti u daqstant ma jintesiex. Anki hawn t-toroq tal-Floriana u ta' l-Isla ltaqgħu mhux biss permezz tal-persuna ta' l-Arċisqof ta' Malta Dun Mauro Caruana, iżda anki għas-sehem kbir



(Fuq) L-Arċisqof Furjaniż Dun Mauro Caruana qed jinkuruna l-istatwa ta' Marija Bambina nhar l-4 ta' Settembru, 1921.
(Taħt) Il-Kuruna li qiegħda fuq ras l-istatwa ta' Marija Bambina.



li kellha l-banda Furjaniża fil-festi kbar li kienu saru fl-Isla fl-okkażjoni ta' dik l-inkurunazzjoni storika. L-Arċisqof Mauro Caruana twieled fil-Floriana fis-16 ta' Novembru, 1867. Kien daħal fl-Ordni ta' San Benedittu u sar Isqof ta' Malta fl-1915 wara li kien ilu għal xi żmien f'monasteru fl-iSkozja. Mal-wasla tiegħu f'Malta, in segwitu tal-ħatra tiegħu, beda jirċievi sa mill-bidunett suppliki mill-Isla biex jinterċedi għalihom, ħalli l-Bambina tiġi nkurunata f'isem il-Vatikan. L-Isqof Caruana tant sar ħerqan ukoll li jara li din ix-xewqa tas-Sengleani, li kienet ilha snin twal tberren f'moħħhom, issehh li s-supplika lill-Vatikan għamilha hu stess. Bl-istagħġib ta' kulħadd, it-talba biex l-istatwa devota tal-Bambina tiġi inkurunata ntlaqgħet mill-Vatikan u r-reskritt rilevanti inħareġ fi ftit xhur[6]. L-Arċisqof Furjaniż, li kien għadda tfulitu fl-Isla wkoll, inkuruna lil Marija Bambina fix-Xatt ta' l-Isla nhar l-4 ta' Settembru, 1921, quddiem folla enormi li ħonqot ix-xatt, gallariji, bjut, bċejjeċ tal-baħar, eċċ., biex issegwi dan l-avveniment solenni u storiku.

## It-Toroq Jiltaqgħu bil-Mużika Wkoll

Diġà rajna ftit li t-toroq tal-Floriana u l-Isla ltaqgħu permezz tal-mużika wkoll! Fil-festi ta' l-inkoronazzjoni l-banda Furjaniża ngħatat sehem kbir hekk kif il-Banda Vilhena wettqet mhux anqas minn tliet programmi f'dik il-ġimgħa ta' festi inkluż nhar l-inkoronazzjoni. Mir-riċerka li qed nagħmel fuq il-'Vilhena', sibt li kienet ilha tiġi mistiedna ddoqq fil-Festa ta' l-Isla għallinqas sa mill-1913, meta daqqet darbtejn ukoll fi ġranet differenti tul l-istess festa. Milli nafu s'issa, l-aħħar li l-'Vilhena' kienet daqqet l-Isla għal ħafna żmien kien proprju fl-1921 u kellhom jgħaddu snin twal sakemm il-banda Furjaniża kellha terġa tinstama' tidwi mat-toroq tal-belt Sengleana, eżattament 4 snin ilu, fl-2002. Huwa ta' unur kbir għas-Soċjetà Filarmonika Vilhena li l-banda tagħha għadha takkumpanja lill-Bambina ta' l-Isla, l-aktar statwa tal-Bambina devota u popolari f'Malta, fit-tieni parti tal-proċessjoni sad-dħul tagħha fil-bażilka ddedikata lilha. Fir-rigward tas-soċjeta mużikali Sengleana, l-eqdem konnessjoni li sibt mal-Floriana tmur lura saħansitra sa l-1896, meta il-banda La Vincitrice daqqet fil-Festa ta' San Publju. Nafu wkoll li daqqet fl-istess festa fl-1909 (issa bl-isem Queen's Own) iżda minn dak iż-żmien 'il quddiem ma sibt ebda riferenza oħra sakemm il-Queen's Own reġgħet dehret fit-toroq tal-Floriana fis-sena 2001. Ta' min jinnota wkoll li l-ewwel post barra mill-Isla li fih daqqet il-Banda La Vincitrice kemm ilha li reġgħet ħadet l-isem antik tagħha kien fil-Festa ta' San Publju fil-Floriana din is-sena stess. Jidher li l-Floriana u l-Isla għad iridu jibnu aktar mill-istorja tagħhom flimkien!

## Iġarrbu l-Istess Tbatija tal-Gwerra

Il-Floriana u l-Isla t-tnejn ukoll sofrew, forsi aktar minn ħaddieħor, mill-qilla tal-gwerra. It-tnejn raw ħafna mill-bini tagħhom jisfa borġ ġebel, fosthom it-tempji rispettivi tagħhom, dawk ta' San Publju u ta' Marija Bambina. L-istatwa ta' San Publju kienet intbagħtet għall-kenn fil-Knisja Parrokkjali tan-Naxxar fejn kienu sabu kenn ukoll l-kwadri ta' l-artali tal-bażilka imġarrfa ta' l-Isla. Il-ħsarat enormi li sofrew il-knejjes prinċipali tal-Floriana u ta' l-Isla wkoll waslu biex kellhom jirrikorru għall-knejjes oħra biex iservu bħala knejjes parrokkjali temporanji. Fil-kaz tal-Floriana il-Knisja ta' l-Immakultata Kunċizzjoni (aktar magħrufa bħala 'ta Sarria') serviet għal dan il-għan filwaqt li fl-Isla qdiet dan ir-rwol il-Knisja ta' San Filippu[7]. Xhieda ta' kemm sofrew il-Floriana u l-Isla fil-gwerra joħroġ minn statistiċi uffiċjali li jgħidu li sa l-ewwel jiem ta' ġunju 1942 il-Floriana kien l-aktar post f'Malta li sofra mill-ħbit mill-ajru ta' l-għadu fir-rigward ta' bini mġarraf jew bil-ħsara. Kien ikkalkolat li l-bini mġarraf jew bil-ħsara fil-Floriana kien ta' 85% u eżatt wara kienet tiġi l-Isla b'80%.[8] L-agħar iżda kien it-telfien tal-ħajja umana għax il-ġebel minn hawn u minn hemm jerġa' jitla' u fil-fatt Furjaniżi u Sengleani kkontibwixxew u rsistew biex jergħu jaraw il-knejjes parrokkjali tagħhom lura għall-glorja li kienu jipposjedu qabel l-assedju Taljan u Ġermaniż fuq il-gżira tagħna. Huwa fatt interessanti li l-gwerra ħolqot rabta ċkejkna oħra iżda dejjiema bejn il-Floriana u l-Isla u dan għar-raġuni li l-4 Evanġelisti li kien hemm fil-

faċċata tal-Bażilka ta' l-Isla qabel il-gwerra spiċċaw fil-faċċata tal-Knisja Arċipretali u Parrokkjali tal-Floriana meta kienet qed issir ir-rikostruzzjoni tagħha. Dawn l-Evanġelisti ġew akkwistati minn tal-Floriana wara li s-Sengleani kienu ddeċidew li l-faċċata tal-bażilka tagħhom kellha tinħatt, għad li ma kinitx iġġarrfet iżda theżżet ħafna, u titla' bl-istil differenti minn dik preċedenti[9].

La semmejt il-Knisja ta' San Filippu, aktar 'il fuq, nixtieq nirrileva wkoll li l-aħħar ġiżwita li għadu jservi f'din il-knisja, Patri Herbert Friggieri, wkoll għandu jkollu rokna f'dan l-artiklu għax għad li huwa Furjaniż (u hu l-poeta u kittieb eminenti Oliver Friggieri), ommu hija Sengleana u wara snin twal tgħix fil-Floriana qattat l-aħħar snin ta' ħajjitha fl-Isla.

## Kelma ta' l-Aħħar

Dawn t'hawn fuq huma biss ftit eżempji importanti ta' inkontri Furjanizi-Sengleani. Nittama li 'l quddiem ningħata opportunità oħra li nagħti ftit tagħrif fuq il-konnessjonijiet bejn il-Floriana u l-Isla anki f'oqsma oħra totalment differenti minn dawn. Nieħu din l-opportunità biex nawgura l-Festa t-Tajba lis-Sengleani kollha.

**Riferenzi**


1 Alexander Bonnici, *L-Isla fi ġrajjiet il-Bażilka-Santwarju ta' Marija Bambina*, Vol. III, Parroċċa ta' l-Isla, 1991

2 Emmanuel S. Tonna, *Final focus on Floriana : a collection of essays*, Malta, 1979

3 Alexander Bonnici, op cit., p. 194

4 *Ibid*, p. 194

5 *Ibid*, p. 195

6 *Ibid*, p. 231

7 *Ibid*, p. 344

8 Karmenu Ellul Galea, *It-trejdunjoniżmu f'Malta*, Ir-raba' ktieb, Pubblikazzjonijiet Indipendenza, Malta, 2001

9 Alexander Bonnici, op cit., p. 359



*Il-Kumitat u l-Membri taċ-Ċentru Laburista ta' l-Isla jixtiequ jawguraw il-festa t-tajba lil kulħadd*

*'Dar il-31 ta' Marzu 1979', Triq il-Vitorja, Senglea*

Il-President u l-Kumitat tal-Partit Nazzjonalista ta' l-Isla jawguraw il-festa t-tajba lil kulħadd